MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Numru 402/2004

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Carmel Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Zammit ta’ 42 sena iben Massimo u Catherine nee’ Zammit, imwieled Qormi fl-1 ta’ Ottubru 1962, residenti ‘Azelia’ Court Flat numru 16, Triq Barnaba, San Pawl il-Bahar, detentur ta’ karta tal-identita 625962M gie akkuzat:

Talli fit-12 ta’ Mejju 2004, u f’ dati precedenti, f’ Qormi, u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi

tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura; jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe' qliezet bil-marki tad-ditti Diesel u Levis & Strauss foloz. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta. Dan bi ksur ta' l-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b' licenza, jew bhala parti minn attivita' koperta b' tali licenza, xi artikolu jew xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok EMC 3 u nnutat li l-imputat Carmel Zammit m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza ta' l-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-kwantita' tal-oggetti mertu tal-akkuzi hi wahda minima.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1)(a)(b)(c) u (f), 298 B tal-Kap. 9 u r-Regolament 2 tal-A.L. 120 ta' l-1992.

Issib lill-imputat Carmel Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali ta' l-imputat, u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-kwantita tal-oggetti mertu ta' l-akkuzi hi wahda minima, tillibera lill-istess imputat Carmel Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok EMC 5.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------